

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8912/26

EF 143
ECOFIN 579
DELECT 85

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2871 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-5.5.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-metodu għad-determinazzjoni tat-tariffi imposti mill-Awtorità Bankarja Ewropea għall-validazzjoni tal-mudelli <i>pro forma</i> msemmija fl-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, u li jispeċifika l-modalitajiet tal-ħlas ta' dawk it-tariffi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2871 final.

Mehmuż: C(2026) 2871 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.5.2026
C(2026) 2871 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

tal-5.5.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-metodu għad-determinazzjoni tat-tariffi imposti mill-Awtorità Bankarja Ewropea għall-validazzjoni tal-mudelli *pro forma* msemmija fl-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, u li jispeċifika l-modalitajiet tal-ħlas ta' dawk it-tariffi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/2987 (“EMIR 3”) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (“EMIR”), ġie ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-4 ta’ Diċembru 2024¹.

L-Artikolu 11(3), ir-raba’ subparagrafu, tal-EMIR, kif emendat mill-EMIR 3, jagħti lill-Awtorità Bankarja Ewropea (“EBA”) il-kompitu li tistabbilixxi funzjoni ta’ validazzjoni ċentrali għall-elementi u l-aspetti ġenerali tal-mudelli pro forma, u l-bidliet fihom, użati jew li għandhom jintużaw minn subsett ta’ kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji biex jikkalkulaw l-ammont ta’ kollateral li għandu jiġi skambjat fir-rigward tal-portafolli tagħhom ta’ derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment. Konsegwentement, f’konformità mal-Artikolu 11(12a) tal-EMIR, kif emendat bl-EMIR 3, l-EBA għandha titlob tariffi annwali, għal kull mudell *pro forma*, lil dawk il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji bl-użu tal-mudelli *pro forma* vvalidati mill-EBA. Skont l-EMIR, it-tariffi jeħtieġ li jkunu proporzjonati għall-ammont nozzjonali pendenti medju ta’ kull xahar ta’ derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment matul l-aħħar 12-il xahar tal-kontropartijiet ikkonċernati bl-użu tal-mudelli *pro forma* vvalidati mill-EBA u jeħtieġ li jiġu assenjati biex ikopru l-kostijiet kollha mġarrba mill-EBA għat-tweġiq tal-kompiti tagħha fir-rigward tal-validazzjoni tal-mudelli *pro forma*.

L-Artikolu 11(12a) tal-EMIR, kif emendat mill-EMIR 3, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att delegat sabiex tispeċifika aktar it-tipi ta’ tariffi, billi tistabbilixxi l-metodu għad-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi u l-modalitajiet tal-ħlas tat-tariffi.

L-att delegat għandu jiġi adottat f’konformità mal-Artikolu 82 tal-EMIR u l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Aspetti proċedurali

Fil-31 ta’ Lulju 2024, il-Kummissjoni għamlet talba proviżorja lill-EBA għal parir tekniku dwar att delegat possibbli li jispeċifika l-metodu għad-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi, u l-modalitajiet tal-ħlas ta’ tali tariffi, li għandhom jitħallsu minn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji li jirrikjedu l-validazzjoni ta’ mudelli *pro forma* skont ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew.

L-EBA kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati u talbet kummenti dwar l-aspetti li ġejjin: i) il-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompiti l-ġodda u l-kostijiet korrispondenti mistennija mir-rwol il-ġdid tal-EBA bħala validatur ċentrali ta’ mudelli *pro forma*; ii) il-kalkolu tal-ammont nozzjonali pendenti medju fi-xahar ta’ derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment matul l-aħħar 12-il xahar; u iii) il-metodi tal-kalkolu tat-tariffi u l-modalitajiet tal-ħlas. Wara l-konsultazzjoni, l-EBA ħejjiet parir tekniku u baġtitu lill-Kummissjoni fis-16 ta’ Ġunju 2025. Għal mudell *pro forma* ġdid li għalih il-kontropartijiet jitolbu l-validazzjoni tal-EBA, l-EBA tirrakkomanda li jiġi stabbilit ammont fiss ta’ kostijiet ta’ EUR 500 000 għal kull sena kalendarja tal-ewwel validazzjoni tal-EBA.

Fis-6 ta’ Awwissu 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta’ Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli (Expert Group of the European Securities Committee, EGESC) dwar il-

¹ ĠU L, 2024/2987, p. 1.

kontenut proviżorju ta' dan l-att delegat L-EGESC huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-ESMA.

L-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati

B'mod ġenerali, ir-rispondenti għall-konsultazzjonijiet imsemmija hawn fuq laqgħu l-istabbiliment ta' funzjoni ta' validazzjoni ċentrali, li tiżgura proċess ta' validazzjoni uniformi fl-Unjoni. Xi rispondenti enfasizzaw li l-approċċ propost biex jiġu assenjati tariffi bbażati fuq ammont nozzjonali medju eżatt ta' 12-il xahar jista' jkun għali u ta' piż bla bżonn. Filwaqt li jitqies ir-rekwiżit espliċitu fl-Artikolu 11(12a) tal-EMIR li t-tariffa “*għandha tkun proporzjonata għall-ammont nozzjonali pendenti medju fix-xahar ta' derivati OTC ikklerjati mhux ċentralment matul l-aħħar 12-il xahar tal-kontropartijiet ikkonċernati bl-użu tal-mudelli pro forma*” iżda filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li jitnaqqas piż amministrattiv bla bżonn fuq il-kontropartijiet, huwa propost li jiġu introdotti żewġ metodi alternattivi biex jiġi smat dak l-ammont nozzjonali.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat fuq il-Portal tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar mit-12 ta' Frar sat-12 ta' Marzu 2026, perjodu li matulu ġew ipprovduti biss għadd limitat ta' kummenti. B'mod partikolari, l-International Swap and Derivatives Association talbet ċarezza dwar jekk l-ammonti tal-marġni inizjali użati biex jiġu ddeterminati l-valuri tal-ammont nozzjonali medju kinux daww ikkalkolati mill-kontroparti bħala parti garantita; dan huwa tabilħaqq il-każ, għalhekk it-test ġie emendat biex jiċċara dan. Kummenti oħra, li ssuġġerew xi bidliet editorjali, huma riflessi wkoll fil-verżjoni adottata tal-att delegat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li l-EBA għandha ssegwi meta tikkalkula u tiġbor it-tariffi relatati mat-twettiq tal-funzjoni ta' validazzjoni tagħha.

L-Artikolu 2 jispeċifika kif l-EBA għandha tistma l-kostijiet ġenerali annwali tagħha relatati mat-twettiq tal-funzjoni ta' validazzjoni tagħha.

L-Artikolu 3 jispeċifika kif il-kontropartijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali medju tagħhom għall-fini tad-determinazzjoni tat-tariffi li għandhom jitħallsu għall-validazzjoni tal-mudelli *pro forma* li jużaw.

L-Artikolu 4 jispeċifika t-tariffi li għandhom jitħallsu mill-kontropartijiet fuq bażi regolari.

L-Artikolu 5 jispeċifika t-tariffi li għandhom jitħallsu mill-kontropartijiet bl-użu ta' mudell *pro forma* diġà użat qabel id-dħul fis-seħħ tal-EMIR 3.

L-Artikolu 6 jispeċifika t-tariffi li għandhom jitħallsu fl-ewwel snin wara l-introduzzjoni u l-applikazzjoni għall-validazzjoni ta' mudell *pro forma* ġdid.

L-Artikolu 7 jipprevedi l-modalitajiet ġenerali tal-pagament tat-tariffi tal-EBA.

L-Artikolu 8 jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-EBA għall-fini tad-determinazzjoni tat-tariffi tal-EBA.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

tal-5.5.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-metodu għad-determinazzjoni tat-tariffi imposti mill-Awtorità Bankarja Ewropea għall-validazzjoni tal-mudelli *pro forma* msemmija fl-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, u li jispeċifika l-modalitajiet tal-ħlas ta' dawk it-tariffi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tar-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranzazzjonijiet², u b'mod partikolari l-Artikolu 11(12a), is-seba' subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) It-tariffa annwali msemmija fl-Artikolu 11(12a), il-ħames subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jenħtieġ li tkun għolja biżżejjed biex tkopri l-kostijiet diretti u indiretti kollha mġarrba mill-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") għall-validazzjoni tal-mudelli *pro forma* msemmija fl-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li t-tariffi kollha imposti jiġu stabbiliti f'livell li jkun tali li jiġu evitati defiċit jew akkumulazzjoni sinifikanti ta' surplus. Meta riżultat baġitarju pożittiv jew negattiv sinifikanti jsir rikorrenti, il-livell tat-tariffi jenħtieġ li jiġi rivedut.
- (2) L-obbligu li l-mudelli *pro forma* msemmija fl-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġu vvalidati mill-EBA ġie introdott bir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Madankollu, uħud mill-kontropartijiet li daħlu f'kuntratti tad-derivattivi OTC li ma ġewx ikklerjati minn CCP, kienu qed jużaw mudelli *pro forma* qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. Għalhekk huwa xieraq li titfassal metodoloġija speċifika għall-kalkolu tat-tariffi dovuti għall-validazzjoni ta' dawk il-mudelli *pro forma*.
- (3) L-Artikolu 11(12a), il-ħames subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrikjedi li t-tariffa annwali li għandha tiffallas lill-EBA tkun proporzjonata għall-ammont nozzjonali pendenti medju ta' kull xahar ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC ikklijati mhux ċentralment matul l-aħħar 12-il xahar tal-kontropartijiet ikkonċernati. Il-kontropartijiet jenħtieġ li jużaw l-approċċ nozzjonali tal-portafoll

² ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj>.

³ Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2987, 4.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2987/oj>).

ekwivalenti biex jiddeterminaw l-ammont nozzjonali medju. Jenħtieġ li l-kontropartijiet jitħallew jużaw approçc alternattiv, dment li jkunu jistgħu jiġġustifikaw l-għażla għal dak l-approçc alternattiv lill-awtorità kompetenti tagħhom.

- (4) Għal mudelli *pro forma* ġodda, għad ma hemmx ammont nozzjonali pendenti medju fix-xahar li jista' jintuża biex il-kost jiġi allokat proporzjonalment fuq il-kontropartijiet kollha li jużaw dak il-mudell *pro forma* ġdid. Għalhekk huwa xieraq, għall-ewwel sena li fiha jintuża l-mudell *pro forma* l-ġdid, li daww il-kontropartijiet jiġu ċċarġjati tariffa ugwali u fissa għal kull mudell *pro forma* ġdid. L-Artikolu 11(12a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, madankollu, jagħti lill-EBA 6 xhur wara li tirċievi l-applikazzjoni għall-validazzjoni ta' tali mudell *pro forma* ġdid biex tivvalida dak il-mudell, li jfisser li huwa possibbli li mudell *pro forma* jiġi vvalidat biss fis-sena ta' wara l-applikazzjoni għall-validazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-EBA tkun tista' titlob it-tariffa fissa wkoll għas-sena li fiha l-mudell *pro forma* jiġi fil-fatt ivvalidat. Għas-snin ta' wara dik li fiha tingħata l-ewwel validazzjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija fi stat stabbli għad-determinazzjoni tat-tariffi dovuti.
- (5) Sabiex l-EBA tkun tista' tikkalkula t-tariffa annwali b'mod preçiż, il-kontropartijiet li jużaw mudelli *pro forma* li huma soġġetti għal validazzjoni mill-EBA jenħtieġ li jibagħtu lill-EBA l-informazzjoni kollha li l-EBA teħtieġ għal tali kalkolu fil-ħin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tariffa annwali bbażata fuq l-irkupru sħiħ tal-kostijiet u li ssegwi mudell ta' ġestjoni bbażata fuq l-attività

It-tariffa annwali msemmija fl-Artikolu 11(12a), il-ħames subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha tkun ibbażata fuq dawn it-tnejn li ġejjin:

- (a) il-prinçipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet;
- (b) l-ammont nozzjonali medju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 3.

Artikolu 2

Stima tal-kostijiet ġenerali annwali li se ġġarrab l-EBA minħabba l-validazzjoni ta' mudelli *pro forma*

Kull sena, sabiex tiddetermina l-ammont globali ta' tariffi li l-EBA għandha timponi skont l-Artikolu 11(12a), il-ħames subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-EBA għandha tqis in-nefqa diretta u indiretta li se ġġarrab dik is-sena għal:

- (a) il-validazzjoni tal-mudelli *pro forma*, inklużi l-bidliet fihom;
- (b) l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' għodod statistiçi u tal-IT biex jappoġġaw il-funzjoni ta' validazzjoni ta' mudelli *pro forma*;
- (c) il-kalkolu, il-fatturazzjoni u l-ġbir tat-tariffa annwali;
- (d) kull attività oħra b'appoġġ għall-funzjoni ta' validazzjoni ta' mudelli *pro forma*.

Artikolu 3

Ammont Nozzjonali Medju

1. Għall-kalkolu tat-tariffa annwali dovuta lill-EBA minn kull kontroparti li hija soġġetta għall-obbligu li l-mudelli *pro forma* tagħha jiġu vvalidati, kull kontroparti li tuża, jew li

tapplika għall-validazzjoni biex tuża, mudell *pro forma*, kif applikabbli, għandha tikkalkula l-ammont nozzjonali medju billi tiegħu medja tal-ammont nozzjonali ta' kull xahar ta' derivattivi kklerjati mhux ċentralment bl-użu ta' mudell *pro forma* partikolari matul il-perjodu ta' referenza kkonċernat. Dawk il-kontropartijiet għandhom jikkalkulaw kull ammont nozzjonali ta' kull xahar mill-aħħar jum ta' negozju tax-xahar partikolari, billi jużaw il-metodu nozzjonali tal-portafoll ekwivalenti stabbilit fil-paragrafu 4 jew l-approċċi alternattivi stabbiliti fil-paragrafu 5 jew 7, kif applikabbli. Kontroparti tista' teskludi mill-kalkoli tal-ammont nozzjonali medju portafolli li għalihom ma tiġborx marġnijiet inizjali bħala riżultat tal-applikazzjoni tad-deroga stabbilita fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251⁴. Kontroparti li tagħżel li teskludi tali portafolli għandha tipprovdi l-għadd ta' portafolli li eskludiet bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 4, il-perjodu ta' referenza għandu jkun il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel dik tad-data tal-ħruġ tal-kontijiet speċifikata f'konformità mal-Artikolu 7.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 5, il-perjodu referenzjarju għandu jkun it-12-il xahar ta' qabel id-data li fiha l-EBA tkun ħabbret pubblikament li stabbiliet il-funzjoni ta' validazzjoni ċentrali tagħha ("id-data ta' tnejn tal-EBA").

4. Għal kull xahar tal-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1, il-kontropartijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali ta' kull xahar billi jikkonvertu l-ammont tal-marġni inizjali kkalkulat bil-mudell *pro forma* għall-portafoll rilevanti f'ammont nozzjonali tal-portafoll ekwivalenti f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Nozzjonali}_m = \frac{IM(\text{Rata ta' imgħax, inflazzjoni, FX})}{6\%} + \frac{IM(\text{Kreditu})}{10\%} + \frac{IM(\text{Ekwità})}{15\%} + \frac{IM(\text{Kommodità})}{15\%} + \frac{IM(\text{Oħrajn})}{15\%}$$

fejn:

- m = l-indiċi li jindika x-xahar tal-perjodu ta' referenza;
- C = l-indiċi jindika l-klassi jew il-klassijiet tal-kuntratti tad-derivati;
- $IM(C)$ = l-ammont tal-marġni inizjali totali għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment fil-klassi C , ikkalkolat fl-aħħar jum ta' negozju tax-xahar li għalih jiġi kkalkolat l-ammont nozzjonali ta' kull xahar, bl-użu tal-mudell *pro forma*, ikkonvertit f'euro.

5. Alternattivament, għal kull xahar tal-perjodu referenzjarju msemmi fil-paragrafu 1, il-kontropartijiet jistgħu jiddeċiedu li jużaw il-formula li ġejja biex jikkonvertu l-ammont tal-marġni inizjali totali kkalkulat skont il-klassi ta' assi għall-portafoll rilevanti f'ammont nozzjonali ta' portafoll ekwivalenti:

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali (ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/2251/oj).

$$\begin{aligned}
& \text{Xahar_Nozzjonali}'_m \\
& = \frac{IM'(Rata\ ta'\ imgħax,\ inflazzjoni,\ FX)}{6\%} + \frac{IM'(Kreditu)}{10\%} \\
& + \frac{IM'(Ekwità)}{15\%} + \frac{IM'(kommodità)}{15\%} + \frac{IM'(Oħrajn)}{15\%}
\end{aligned}$$

fejn:

- m = l-indiċi li jindika x-xahar tal-perjodu ta' referenza;
- C = l-indiċi jindika l-klassi jew il-klassijiet tal-kuntratti tad-derivati;
- $IM'(C)$ = l-ammont tal-marġni inizjali totali għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment fil-klassi C , ikkalkolat fl-aħħar jum ta' negozju tax-xahar li għalih jiġi kkalkolat l-ammont nozzjonali ta' kull xahar, ikkonvertit f'euro.

Il-kontropartijiet jistgħu jagħżlu li jużaw dik il-formula sakemm ikunu jistgħu jiġġustifikaw l-għażla lill-awtorità kompetenti tagħhom.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 4 u 5, meta jikkonvertu l-ammonti f'euro, il-kontropartijiet għandhom jużaw ir-rata ta' referenza tal-kambju tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-aħħar jum tan-negozju tax-xahar li għalih jiġi kkalkolat l-ammont nozzjonali ta' kull xahar.

7. B'deroga mill-paragrafi 4 u 5, kontroparti b'ammont nozzjonali medju ta' 12-il xahar taħt EUR 3 000 biljun tista' tistma kull ammont nozzjonali ta' kull xahar bħala wieħed minn dawk speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt, sakemm tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti tagħha li l-ammont nozzjonali attwali huwa aktar baxx minn dak magħżul:

Livell limitu regolatorju	Ammont nozzjonali
1	EUR 3 000 biljun
2	EUR 2 250 biljun
3	EUR 1 500 biljun
4	EUR 750 biljun
5	EUR 50 biljun
6	EUR 8 biljun

Artikolu 4

Tariffi annwali għall-validazzjoni

1. Għal kull mudell *pro forma* li jiġi vvalidat mill-1 ta' Jannar ta' sena u li kontroparti tuża jew tapplika għall-validazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'dik is-sena, il-kontroparti għandha tħallas lill-EBA tariffa ta':

$$\begin{aligned}
Ħlas_{n,y,p} = & EUR 200 \\
& + \max \left(\frac{Kostijiet EBA_y}{Numru ta' mudelli_y} * \frac{Ammont Nozzjonali Medju_{n,p}}{Ammont Nozzjonali Medju_{Total,p}} \right. \\
& \left. - EUR 200; 0 \right)
\end{aligned}$$

fejn:

- $n = 1$ -indiċi li jindika li l-kontroparti tuża, jew tapplika għal validazzjoni biex tuża, kif applikabbli, il-mudell *pro forma p*;
 - $y = 1$ -indiċi li jindika s-sena ta' referenza;
 - $p = 1$ -indiċi li jindika l-mudell *pro forma* vvalidat mill-EBA mill-1 ta' Jannar tas-sena y ;
 - $Kost EBAs_y = 1$ -ammont stmat skont l-Artikolu 2 għas-sena y għal mudelli *pro forma* vvalidati mill-EBA mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena;
 - $Numru ta' mudellis_y = 1$ -għadd ta' mudelli *pro forma* vvalidati mill-EBA mill-1 ta' Jannar tas-sena y , b'minimu ta' 1;
 - $Ammont Nozzjonali Medju_{n,p}$ l-ammont ikkalkulat mill-kontroparti n , għall-mudell *pro forma p*, f'konformità mal-Artikolu 3;
 - $AmmontNozzjonaliMedju_{Total,p} = \sum_n AmmontNozzjonaliMedju_{n,p}$.
2. Il-mudelli *pro forma* li minkejja li jiġu vvalidati huma soġġetti għat-tariffa msemmija fl-Artikolu 6 ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu stabbilit fil-paragrafu 1.
 3. B'deroga mill-paragrafu 1, kontroparti li ssir soġġetta għar-rekwiżit li tapplika għall-validazzjoni ta' mudell *pro forma* wara l-31 ta' Marzu ta' sena partikolari ma għandha tħallas l-ebda tariffa għal dik is-sena għal dak il-mudell *pro forma*.

Artikolu 5

Tariffa annwali għall-validazzjoni ta' mudell *pro forma* li diġà kien jintuża qabel l-24 ta' Diċembru 2024

1. B'deroga mill-Artikolu 4, għal mudell *pro forma* li kien diġà qed jintuża qabel l-24 ta' Diċembru 2024, għall-perjodu mid-data tal-prontezza tal-EBA sa tmiem is-sena tad-data tal-prontezza tal-EBA, kontroparti li tkun soġġetta, sad-data tal-prontezza tal-EBA, għar-rekwiżit li tapplika għall-validazzjoni biex tuża, jew tadotta bidla għal, dak il-mudell *pro forma* f'konformità mal-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha tħallas lill-EBA tariffa annwali ta':

$$\begin{aligned}
Ħlas_n = & EUR 200 \\
& + \max \left(Kostijiet tal - EBA * \frac{Ammont Nozzjonali Medju_n}{Ammont Nozzjonali Medju_{Total}} \right. \\
& \left. - EUR 200; 0 \right)
\end{aligned}$$

fejn:

- $n = 1$ -indiċi li jindika l-kontroparti li hija soġġetta għar-rekwiżit li tapplika għall-validazzjoni biex tuża, jew tadotta bidla għal, dak il-mudell *pro forma* f'konformità

mal-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sad-data tal-prontezza tal-EBA;

- *Kostijiet EBA* = l-ammont, espress f'euro, stmat f'konformità mal-Artikolu 2 mid-data ta' tħejjija tal-EBA sa tmiem is-sena tad-data ta' tħejjija tal-EBA;
- *Ammont nozzjonali medju* $_{n}$ = l-ammont ikkalkulat mill-kontroparti n f'konformità mal-Artikolu 3;
- *AmmontNozzjonaliMedju* $_{Total} = \sum_n AmmontNozzjonaliMedju_n$.

2. Kontroparti li ssir soġġetta għar-rekwiżit li tapplika għall-validazzjoni biex tuża mudell *pro forma* li diġà jkun qed jintuża qabel l-24 ta' Diċembru 2024 wara d-data tal-prontezza tal-EBA ma għandha tħallas l-ebda tariffa għal dik is-sena partikolari.

Artikolu 6

Tariffa annwali għall-validazzjoni ta' mudell *pro forma* li ma kienx diġà qed jintuża qabel l-24 ta' Diċembru 2024

1. Kull kontroparti li tapplika għall-validazzjoni ta' mudell *pro forma* f'konformità mal-Artikolu 11(3), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li ma kienx diġà qed jintuża qabel l-24 ta' Diċembru 2024, għandha tħallas lill-EBA tariffa ta':

$$Ħlas_n = \frac{EUR\ 500\ 000}{Totaltotalita'kontropartijiet}$$

fejn:

- n = l-indiċi li jindika l-kontroparti li tapplika għall-validazzjoni biex tuża l-mudell *pro forma*;
- *Numru totali ta' kontropartijiet* = l-għadd ta' kontropartijiet li japplikaw biex jużaw mudell *pro forma* għal sal-31 ta' Lulju tas-sena partikolari.

2. Meta l-perjodu ta' validazzjoni ta' 6 xhur speċifikat fl-Artikolu 11(12a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jintemm fis-sena ta' wara s-sena li fiha tkun waslet l-ewwel applikazzjoni għall-validazzjoni inizjali tal-mudell *pro forma* l-għdid ("is-sena ta' wara"), l-EBA tista' tagħżel li tkompli tapplika l-formula stabbilita fil-paragrafu 1 għall-kalkolu tat-tariffi għal dik is-sena ta' wara.

Meta l-EBA teżerċita l-opzjoni fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tuża l-għadd ta' kontropartijiet li jużaw, jew li jkunu applikaw għal validazzjoni biex jużaw, il-mudell *pro forma* sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara bħala "Għadd totali ta' kontropartijiet" fil-formula stabbilita fil-paragrafu 1.

3. L-EBA tista' tiddeċiedi li ma titlobx it-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għas-sena li fiha tasal l-ewwel applikazzjoni għall-validazzjoni tal-mudell *pro forma*, fejn ma jkunx operazzjonalment fattibbli li jinġabru t-tariffi bil-mod stabbilit fl-Artikolu 7.

4. Meta kontroparti tuża diversi mudelli *pro forma*, it-tariffa kkalkulata skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għall-mudell *pro forma* soġġett għal validazzjoni inizjali għandha tiffimlikien mat-tariffa kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 4 għall-mudelli *pro forma* l-oħra kollha użati mill-kontroparti.

5. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-EBA tista', għat-tariffa kkalkulata f'konformità ma' dan l-Artikolu, iżżid l-EUR 500 000 fil-formula stabbilita f'dak il-paragrafu sa ammont li jkun ugħali għall-kostijiet totali stmati f'konformità mal-Artikolu 2 għal mudell *pro forma*.

Artikolu 7

Pagament tat-tariffi annwali għall-validazzjoni

1. Il-kontropartijiet li huma soġġetti għall-obbligu li l-mudelli *pro forma* tagħhom jiġu vvalidati għal sena partikolari għandhom jiġu fatturati mill-EBA għat-tariffi msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, kif applikabbli, matul dik is-sena kalendarja.
2. L-iskadenza għall-ħlas għandha tkun ta' 45 jum kalendarju mir-reġistrazzjoni tal-ammont riċevibbli fil-kontijiet tal-EBA. It-tariffi għandhom jitħallsu f'Euro.
3. Kwalunkwe pagament tard għandu jkun soġġett għall-imgħax ta' inadempjenza stabbilit fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
4. Il-komunikazzjonijiet bejn l-EBA u l-kontropartijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru permezz tal-bażi tad-data ċentrali stabbilita mill-ESMA skont l-Artikolu 17c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew bi kwalunkwe mezz elettroniku ieħor meta dik il-bażi tad-data ċentrali ma tkunx disponibbli.

Artikolu 8

Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-EBA

1. Kull sena, il-kontropartijiet li jużaw mudell *pro forma* vvalidat jew li japplikaw għall-validazzjoni ta' mudelli *pro forma* għandhom jipprovdu lill-EBA bl-elementi kollha meħtieġa għall-kalkolu tat-tariffi msemmija fl-Artikoli 4, 5, u 6, kif applikabbli, inkluża l-informazzjoni dwar l-ammont nozzjonali medju msemmi fl-Artikolu 3 d-dettalji finanzjarji tal-kontroparti li huma meħtieġa għall-proċess ta' fatturazzjoni.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:
 - (a) għas-sena tad-data tal-prontezza tal-EBA, l-EBA għandha tiġbor l-elementi meħtieġa biex:
 - (i) tikkalkula t-tariffi msemmija fl-Artikolu 5;
 - (ii) toħroġ il-kontijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' dik is-sena;
 - (b) għas-snin wara d-data tal-prontezza tal-EBA, il-kontropartijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomunikaw lill-EBA l-elementi meħtieġa għall-kalkolu tat-tariffi msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 5, kif applikabbli, sal-31 ta' Marzu;
 - (c) għat-tariffi msemmija fl-Artikolu 6, l-EBA għandha tiġbor l-informazzjoni biex tikkalkula dawk it-tariffi u toħroġ il-kontijiet korrispondenti sa data xierqa filwaqt li tqis id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.5.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN